MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 154/2007

**Ronald Debattista**

**vs**

**Kummissarju ta’ l-Artijiet**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ Ronald Debattistaipprezentat fit-22 ta’ Mejju 2007 fejn wara li espona illi fit-18 ta’ Mejju 2007 huwa gie notifikat b’ittra ufficjali a tenur ta’ l-Art. 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi huwa jopponi t-talba billi jipprezenta dan ir-rikors li fih qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti illi t-talba maghmula mill-Kummissarju ta’ l-Artijiet hija wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan a tenur ta’ l-Art. 466 (2) tal-Kap 12;

Illi huwa m’huwiex l-legittimu kontradittur u m’ghandu jaghti xejn lill-Kummissarju ta’ l-Artijiet;

Illi fil-meritu u bla pregudizzju ta' l-istess illi t-talba tal-Kummissarju ta' l-Artijiet ghandha tigi michuda wkoll stante illi fejn qeghdin jigu mqeghda l-imwejjed u s-siggijiet kif jirrizulta mir-Registru ta' l-Artijiet;

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tiddikjara illi t-talba maghmula mill-Kummissarju ta' l-Artijiet hija wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ir-rikorrent, Ronald Debattista, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju ta' l-Artijiet fejn wiegeb:

1. Illi huwa gie notifikat nhar it-8 ta' Gunju, 2007, b'rikors ipprezentat nhar it-22 ta' Mejju, 2007, fejn ir-rikorrent jidher li qieghed jopponi ghall-ammont mitlub mill-esponent u l-istess esponent inghata ghoxrin (20) jum ghar-risposta.

2. Illi r-raguni ghaliex qieghda ssir oppozizzjoni mir-rikorrenti fir-rikors tieghu, ghal dak mitlub fl-imsemmija ittra gudizzjarja, xejn m'hija cara.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont kif pretiz mill-esponent, ai termini ta' l-ittra gudizzjarja datata 15 ta' Mejju 2007, huwa kollu dovut mir-rikorrent kif ser jirrizulta waqt il-provi.

4. Illi ghalhekk il-pretenzjonijiet tar-rikorrent huma kollha nfondati, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michudin.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tilqa' t-talba tar-rikorrent u ghalhekk ghandha tikkundannah ihallas l-ammont kif pretiz, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-procedura bdiet wara li r-rikorrent Ronald Debattista gie notifikat b'ittra ufficjali fit-18 ta' Mejju 2007 a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap 12 fejn il-Kummissarju ta' l-Artijiet intimah sabiex ihallas xi drittijiet in konnessjoni ma' tqeghid ta' mwejjed u siggijiet fuq art proprjeta' ta' l-intimat quddiem il-*'Mirabelle Restaurant'*. Ir-rikorrent Debattista qal li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur peress illi se mai kellha tigi citata s-socjeta' *'Mirabelle Enterprises Limited'* li hija proprjeta' tar-restaurant u l-imwejjed u siggijiet in kwistjoni. Ir-rikorrent xehed illi huwa qatt ma kera xi haga minghand il-Kummissarju ta' l-Artijiet, li huwa direttur u azzjonist tas-socjeta' *'Mirabelle Enterprises Limited'* u kull meta din is-socjeta' talbet xi haga minghand il-Kummissarju ta' l-Artijiet dejjem ghamlet hekk ghan-nom taghha u mhux ta' l-azzjonisti. L-istess applikazzjoni sabiex jinghata permess jitqieghdu s-siggijiet u l-imwejjed saret minn *'Mirabelle Enterprises Limited'* u ghalhekk id-direttur intimat kien jaf lil din is-socjeta' u mhux lilu personalment. Min nahha tieghu d-direttur intimat irrimetta ruhu ghall-provi u ma ressaqx provi sabiex jirribatti dak li ntqal mir-rikorrent.

Ikkunsidrat:

Wara li l-Qorti ezaminat ix-xhieda u d-dokumenti prodotti jidhrilha illi r-rikorrent ghandu ragun illi jopponi t-talba maghmula fil-konfront tieghu personalment mid-direttur intimat. Huwa ovvju illi kwalunkwe transazzjoni li sehhet bejn id-direttur intimat u l-interessi tar-rikorrent saru mis-socjeta' *'Mirabelle Enterprises Limited'*. Il-fatturi mahruga mid-direttur intimat dejjem kienu *'Mirabelle Bar and Restaurant'* c/o Ronald Debattista u l-istess *'development notification order'* a fol 19 harget f'isem R Debattista *on behalf of 'Mirabelle Enterprises Limited'*.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tar-rikorrent Ronald Debattista. Tiddikjarah mhux il-legittimu kontradittur u tiddikjara illi t-talba maghmula mill-Kummissarju ta' l-Artijiet fl-ittra ufficjali tal-15 ta' Mejju

2007 notifikata lir-rikorrent fit-18 ta’ Mejju 2007 a tenur ta’ l-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta hija wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement tillibera lir-rikorrent mill-osservanza tal-gudizzju. Bl-ispejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------